MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 1151/2005/1

**Mark Saliba bhala Insurance Sub-Agent**

**vs**

**Martin Camilleri u martu Agnes Camilleri ghal kull interess li jista' jkollha u b' digriet tat-Tribunal ta' l-14 ta' Lulju 2005 qabel l-isem "Martin" jidhol l-isem "Raymond"**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Marzu, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' disa' mija u hamsa w erbghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm945.40c) rapprezentanti servizzi u prodotti ta' assigurazzjoni

mibjugha u rezi lill-konvenuti fuq talba tal-konvenut u prodotti ancillari ghall-istess bhall-hlas ta' licenzji ta' diversi vetturi (*road licences)*.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li biha wiegbu illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti m'ghandhom jaghtu xejn lill-attur u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz m'huwiex reali.

Sema' x-xhieda ta' Mark Saliba, Mark Paul Camilleri u tal-konvenut.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Melvyn Mifsud ghall-attur u ta' Dr Joseph Zammit ghall-konvenuti.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirrizulta, partikolarment minn dokument D esebit li jgib id-data tat-12 ta' Lulju, 2005 hemm *breakdown* dettaljat tal-pretensjoni ta' l-attur. Din tikkoncerna numru ta' *premia*, licenzji ta' vetturi u li fit-total jammontaw ghal elf mija u wiehed u tletin lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu (Lm1,131.47c) li minnhom l-attur jghid li l-konvenut hallas biss mija u sitta u tmenin lira Maltin u seba' centezmi (Lm186.07c) u cjoe', pagament ta' mitt lira Maltin (Lm100) u iehor ta' sitta u tmenin lira Maltin u seba' centezmi (Lm86.07c).

Gew esebiti wkoll numru ta' cekkijiet li hargu mid-ditta F & M Poultry Limited intestati favur Raymond Camilleri pero' li gew endorsjati favur l-attur, izda dawn ic-cekkijiet ma gewx onorati.

Il-konvenut jghid li wara li dawn ic-cekkijiet ma gewx onorati, li huwa hallas permezz ta' flus kontanti izda t-Tribunal m'huwiex konvint b'dan u f'kull kaz ma giet esebita l-ebda ricevuta.

It-Tribunal kellu l-opportunita’ li jisma’ lill-konvenut jixhed u jara l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda u ma kien xejn konvincenti dwar dan.

Fix-xhieda tieghu l-konvenut jghid illi huwa m’ghandu jhallas assolutament xejn lill-attur. Stante li huwa qed jeccepixxi li dak mitlub huwa mhallas, il-piz tal-prova tispetta lilu izda f’din il-kawza, l-konvenut m’esebixxa l-ebda ricevuta u jghid li m’esebiex ricevuti ghaliex isostni li l-attur qatt ma tah wahda. Naturalment, jekk ma jsirx hlas ma tinghatax ricevuta izda b’danakollu, t-Tribunal kien jistenna li almenu l-konvenut jesebixxi xi forma ta’ dokumentazzjoni relevanti ghall-assigurazzjonijiet u licenzji mertu ta’ din il-kawza.

Huwa tassew inkredibbli illi bniedem li huwa fin-negozju ma kienx kapaci jzomm *records* dettaljati tal-pagamenti li saru. Almenu, jekk huwa hallas permezz ta’ *cash*, wiehed kien jistenna li jigu esebiti xi forma ta’ *ledgers* jew kotba tan-negozju li minnhom jirrizulta l-pagament. Tali prova assolutament ma ngabitx u ghalhekk it-Tribunal ma gie pprezentat bl-ebda xhieda konkreta dwar l-affermazzjoni tal-konvenut.

It-tifel tal-konvenut, Marco Camilleri, xehed illi f’zewg okkazjonijiet, jigifieri fis-snin 2002 u fl-2003 huwa mar u effettwa pagamenti personalment lill-attur. Huwa jsemmi li dawn il-pagamenti saru fl-2002 u fl-2003, ghalkemm it-Tribunal ma kienx konvint li dan ix-xhud kien cert fuq is-snin. Mir-*records* ipprezentati mill-attur jirrizulta li sar pagament ta’ mitt lira Maltin (Lm100) fid-19 ta’ Dicembru, 2003 u ta’ sitta u tmenin lira Maltin u seba’ centezmi (Lm86.07c) fi Frar 2004. Huwa probabbli illi wiehed mill-pagamenti li qed jaghmel referenza ghalih dan it-tifel ikopri proprju wiehed minn dawn il-pagamenti. Ghar-rigward tal-hlas tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni RMC 005, dan it-tifel kien partikolarment interessat billi din hija l-karozza li kien qed isuq hu. Huwa jghid li ltaqa’ ma’ l-attur wara l-ufficcju tal-Middlesea u dakinhar tah il-flus u l-attur tah il-polza ta’ l-assigurazzjoni u r-*road licence*. Huwa tassew stramb illi huma jiltaqghu proprju hemmhekk u l-probabbilta’ hi li fil-fatt dakinhar stess l-attur mar il-

Middlesea biex jigbor ic-certifikat ta' l-*insurance*, u ma riedx jikkonsenjaha lit-tifel tal-konvenut qabel ma jkollu l-flus f'idejh.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi din il-polza ta' l-assigurazzjoni fil-fatt thallset u sahansitra minn ezami ta' dokument D jirrizulta illi ghat-30 ta' Gunju, 2004 m'hemmx debitu relattiv ghall-*insurance* ta' din il-vettura. Baqa' *outstanding* sitta w erbghin lira Maltin (Lm46) ta' dik is-sena izda t-Tribunal isibha qajla kredibbli li l-attur, meta kellu pendenza ta' tali ammonti, meta gja' kellu indikazzjonijiet li l-konvenut ser ikun difficli biex ihallas, li jaccetta biss il-flus ta' l-*insurance* u ma jircevix ukoll il-flus tar-*road licence fee* u ghalhekk m'huwiex ser jaccetta t-talba ta' l-attur fir-rigward tas-sitta w erbghin lira Maltin (Lm46) indikati fil-prospett D tat-12 ta' Lulju, 2005.

Ghall-kumplament it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa verament dovut u konsegwentement il-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur is-somma ta' tmien mija u disgha u disghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm899.40c). Stante d-differenza zghira bejn l-ammont li qed jigi deciz u l-ammont mitlub mill-attur, it-Tribunal ma jhossx li ghandu jkun hemm rifless fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba ta' l-attur fis-somma ta' tmien mija u disgha u disghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm899.40c) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta' tmien mija u disgha u disghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm899.40c) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba."

Fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza l-konvenuti jimpernjaw l-appell taghhom fuq il-konsiderazzjoni illi l-evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz maghmul mit-Tribunal kienet wahda errata. B' mod generali huma jattakkaw il-kredibilita` ta' l-attur bil-kontenzjoni illi l-versjoni tieghu li hu baqa', sena wara l-ohra, ihallas l-*insurances* tal-vetturi taghhom minghajr ir-rifuzjoni ta' dawk il-hlasijiet minghandhom, ma kellhiex titwemmen;

B’ introduzzjoni, din il-Qorti jidhrilha li hu l-kaz li tirrepeti anke hawn dawn ir-regoli li jsegwu:-

(1) Hi regola gurisprudenzjali konsolidata illi l-valutazzjoni fil-meritu maghmula mill-ewwel tribunal hi insidakabbli minn Qorti ta’ revizjoni jekk din tirrizulta logika u koerenti ma’ l-elementi tal-provi utilizzati u tkun sew sostenuta minn motivazzjoni adegwata li tikkonsenti l-kontroll tal-kriterju logiku segwit;

(2) Konsegwentement, Qorti ta’ revizjoni ma tintromettix ruhha kapriccjozament fil-valutazzjoni tal-provi hekk maghmula mit-tribunal ta’ l-ewwel grad, sakemm ma jkunx jidhrilha li dan hu hekk necessarju minn konsiderazzonijiet ta’ gravita` u ta’ pregudizzju sostanzjali ghall-parti leza bil-gudikat;

Premess dan, ma jidherx li hemm kuntrast dwar il-fatt ta’ l-ezistenza ta’ rapport guridiku bejn il-kontendenti jew li fl-adempiment ta’ tali rapport l-attur kien jeffettwa, fil-kwalita` tieghu ta’ *insurance sub-agent*, hlasijiet ta’ *premia* assikurativi u ta’ licenzji ta’ vetturi fl-interess ta’ l-appellanti. Effettivament, l-estremi tal-fatt li minnu twieled dan ir-rapport huma hekk desumibbli wkoll mid-dokumentazzjoni esebita fl-atti. Fejn tezisti kontestazzjoni din tinsab fir-raguni illi mentri l-attur appellat jallega li ghadu dovut ir-rimbors minghand l-appellanti tal-hlasijiet hekk maghmula minnu, kif fuq inghad, l-appellanti jsostnu, in bazi ghall-eccezzjonijiet taghhom, illi huma ma ghandhom jaghtu xejn lill-attur u li, f’ kull kaz, l-ammont pretiz ma huwiex reali;

Jidher minn dan il-kuntrast illi l-kwestjoni centrali bejn il-kontendenti hi wahda li, essenzjalment, tiddependi mill-valur u mill-kredibilita` li tinghata lill-provi prodotti minnhom. B’ mod generali t-Tribunal sab fuq l-apprezzament tieghu tal-provi attendibbli illi l-appellanti ma rnexxielhomx igibu provi konvincenti u anzi sab, fuq is-

solitu test tal-verosimiljanza, illi l-provi ghandhom jiffavorixxu ferm aktar lill-versjoni ta’ l-attur milli dik ta’ l-appellanti. Huwa l-ezistenza tal-vizzju ta’ dan l-apprezzament li l-appellanti qed jiddenunzjaw bl-aggravju sottomess minnhom;

Jibda biex jigi notat illi din il-Qorti ma kellhiex il-privilegg li kellu t-Tribunal li tezamina hi stess l-komportament ta’ l-appellanti fil-pedana tax-xhieda, u ghalhekk, f’ dan il-kuntest, ikollha toqghod fuq l-osservazzjoni tat-Tribunal illi dik ix-xhieda ta’ l-appellanti ma kienet xejn konvincenti. Jigi notat ukoll illi fuq din il-konstatazzjoni tat-Tribunal l-appellanti ma jaghmlu ebda kumment imma, invece, jillimitaw ruhhom biex jikkwerelaw certi aspetti ohra tar-ragonament tat-Tribunal, bhall-abbinament ta’ certu hlas ma’ vettura partikulari u l-hrug tal-poloz. Dan s’ intendi jaghmluh bl-iskop li jqeghdu in risalt in-nuqqas tal-kredibilita` ta’ l-attur;

Bir-rispett kollha din il-Qorti ma tistax tinfatam minn dawn l-aspetti singolari, anke ghaliex, fil-hsieb tal-Qorti, il-kwestjoni l-izjed sostanzjali tibqa’ dik jekk l-appellanti rnexxielhomx jissuperaw il-piz tal-prova nkombenti fuqhom tal-pagament, u allura tac-certezza tal-fatt allegat minnhom li ma ghandhom jaghtu xejn lill-attur. Kif taraha din il-Qorti, xejn ma jiswa r-riljev sottomess mill-appellanti tal-falliment tal-provi dedotti mill-attur, b’ dimostrazzjoni ta’ l-infondatezza tal-pretensjoni ta’ dan, meta huma stess naqsu milli jipprovaw, bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti lilhom mid-dritt probatorju, sew dokumentali sew testimonjali, illi l-hlas minnhom effettivament sar. Ara **Kollez. Vol. XXXVII P I p 525** u **Vol. XLIII P II p 624**, fost ohrajn. L-appellanti ma jistghux jippretendu li sar apprezzament zbaljat mit-Tribunal tar-rizultanzi istruttorji billi jirrikorru ghal certi provi parzjali, u dan bl-iskop li jissostitwixxu, ghas-sintesi tal-valutazzjoni komplessiva mit-Tribunal, ir-ri-elaborazzjoni personali taghhom u b’ hekk, ukoll, ixejnu l-attenzjoni minn fuq dak in-nuqqas taghhom tal-prova tal-hlas gravanti fuqhom;

Iddur fejn iddur, il-kwestjoni involuta tibqa' wahda ta' konvinciment, u, cjoe, ta' kemm il-partijiet irnexxielhom jiggustifikaw il-fatti kostitutivi tad-domanda jew ta' l-eccezzjonijiet ghaliha. Fuq ir-ri-ezami taghha tal-provi u mill-komparazzjoni tal-versjonijiet, kif assistita mill-kriterju generali tac-certezza morali, din il-Qorti ssib li ghandha taghmel taghha r-ragonament tat-Tribunal illi l-versjoni fornita mill-appellanti la kienet kredibbli u wisq anqas konvincenti. Mhux il-kaz allura li titwarrab il-konkluzjoni fis-sentenza appellata raggunta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------